# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 331/2008

## tal-11 ta' April 2008

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji ta' l-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija ta' l-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' trasportaturi bl-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità msemmija fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ([2]).

(2) Skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni tagħrif li huwa rilevanti fil-kuntest ta' l-aġġornar tal-lista Komunitarja. Ġie ikkomunikat ukoll tagħrif rilevanti minn pajjiżi terzi. Abbażi ta' dan, il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi ta' l-ajru kollha kkonċernati, direttament, jew fejn dan ma kienx prattikabbli, permezz ta' l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li għandhom jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni biex tkun imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità, jew biex jiġu mmodifikati l-kundizzjonijiet tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur ta' l-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Ingħata ċ-ċans mill-Kummissjoni lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, iressqu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni bil-fomm lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili ([3]).

(5) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn xi Stati Membri.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.

### It-trasportaturi bl-ajru lliċenzjati fl-Ukraina

*Albatross Avia Ltd*

(7) Franza għarrfet lill-Kummissjoni li adottat projbizzjoni immedjata fuq l-operat kollu tat-trasportatur Albatross Avia Ltd, iċċertifikat fl-Ukraina, minħabba li, fil-verità, dan it-trasportatur huwa t-trasportatur Ukrain Volare, li huwa diġà suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat ([4]). Franza ressqet ukoll talba lill-Kummissjoni biex taġġorna l-lista Komunitarja bi qbil ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(8) It-trasportatur ma pprovda l-ebda evidenza xierqa sabiex ineħħi t-tħassib imressaq minn Franza.

(9) Wara taħditiet mal-Kummissjoni u ma' xi Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti Ukraini ressqu d-deċiżjoni tagħhom lill-Kummissjoni, li permezz tagħha huma rrevokaw iċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) tat-trasportatur. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, m'hemm bżonn tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri rigward Albatross Avia Ltd.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1400/2007 (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12).
([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 787/2007 ta' l-4 ta' Lulju 2007 (ĠU L 175, 5.7.2007, p. 10).

(10) Madanakollu, l-Kummissjoni hija mħassba dwar il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukraina ħarġu AOC lil kumpanija li hija sostanzjalment trasportatur ta' l-ajru li huwa diġà suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat. Jekk din it-tip ta' sitwazzjoni tirrepeti ruħha, dan jista' jitqies bħala evidenza li dawn l-awtoritajiet jista' jkun li ma jilħqux il-kriterji komuni mniżżlin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

*Ukraine Cargo Airways*

(11) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur Ukraine Cargo Airways, iċċertifikat fl-Ukraina, li jaffettwaw kull tip ta' inġenju ta' l-ajru. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Awstrija, mill-Ungerija, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, mir-Rumanija, mill-Polonja, minn Spanja u mill-Olanda ([1]) waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqin bħala parti mill-Programm SAFA.

(12) L-Awstrija għarrfet lill-Kummissjoni li adottat projbizzjoni immedjata fuq l-operat ta' l-inġenji ta' l-ajru tat-tip AN-12 ta' l-Ukraine Cargo Airways li s'issa kienu joperaw lejn l-Awstrija, filwaqt li qieset il-kriterji komuni, fil-qafas ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u ressqet talba lill-Kummissjoni sabiex din taġġorna l-lista Komunitarja bi qbil ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(13) Ir-raġunijiet għall-impożizzjoni ta' dik il-miżura min-naħa ta' l-Awstrija huma dawn li ġejjin: a) nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza min-naħa tat-trasportatur ta' l-ajru vverifikati permezz ta' rapporti li juru nuqqasijiet gravi fil-qasam tas-sikurezza u nuqqas kontinwu min-naħa tat-trasportatur ta' l-ajru kkonċernat li jindirizza dawn in-nuqqasijiet imressqin f'rapporti dwar l-ispezzjonijiet fuq l-art imwettqa bħala parti mill-Programm SAFA u li kienu ġew mgħarrfa lit-trasportatur minn qabel; b) in-nuqqas ta' ħila tat-trasportatur li jindirizza dawn in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza, muri permezz ta' azzjonijiet korrettivi mhux xierqa u mhux suffiċjenti imressqin bħala tweġiba għan-nuqqasijiet gravi identifikati fil-qasam tas-sikurezza; ċ) in-nuqqas ta' ħila u n-nuqqas ta' rieda ta' l-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tat-trasportatur ikkonċernat li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza, murija min-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħhom ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstrija li wettqu l-ispezzjonijiet fuq l-art u min-nuqqas ta' ħila suffiċjenti tagħhhom li jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

(14) In-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li ndunaw bihom l-Awstrija u l-Istati Membri l-oħra fl-inġenji ta' l-ajru tat-tip AN-12, AN-26 u IL-76 kienu fl-istess oqsma. Barra minn hekk, dawk in-nuqqasijiet baqgħu iseħħu matul l-istess perjodu meqjus. Din tixhed in-natura sistematika ta' dawn it-tip ta' nuqqasijiet.

(15) Waqt taħditiet mal-Kummissjoni u ma' xi Stati Membri, il-kumpanija Ukraine Cargo Airways ressqet pjan ta' azzjonijiet korrettivi li skond it-trasportatur jindirizzaw in-nuqqasijiet kollha fil-qasam tas-sikurezza fl-oqsma tal-manutenzjoni, l-inġinerija u l-operat identifikati għat-tlett tipi ta' inġenji ta' l-ajru li bihom it-trasportatur kien qed jopera lejn il-Komunità. Madanakollu, waqt dawn it-taħditiet, it-trasportatur ma kienx kapaċi juri kemm huma adegwati l-azzjonijiet korrettivi proposti. B'mod partikulari, it-trasportatur ma kienx kapaċi juri kemm l-azzjonijiet proposti huma xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mad-dixxiplina fl-operat, u naqas li jispjega kif l-ispezzjonijiet ta' l-inġenji ta' l-ajru li huwa diġà biex itir lejn il-Komunità xorta qed juru l-istess nuqqasijiet li kien hemm qabel ma l-Awstrija imponiet il-projbizzjoni fuq l-operat, minkejja li għadd ta' miżuri msemmija fil-pjan ta' azzjonijiet propost diġà jidher li twettqu fil-qasam ta' l-operat ta' kull tip ta' inġenju ta' l-ajru użat minn dak it-trasportatur.

(16) Waqt l-istess taħditiet, l-awtoritajiet kompetenti Ukraini ressqu tagħrif dwar id-deċiżjoni tagħhom li jirrestringu l-AOC tat-trasportatur billi jneħħu l-inġenji ta' l-ajru AN-12 bil-marki tar-reġistrazzjoni UR-UCK, UR-UDD u UR-UCN li permezz tagħhom it-trasportatur kien qed jopera lejn l-Awstrija u lejn l-Istati Membri l-oħra u jqegħduhom għall-manutenzjoni kif ukoll billi jipprojbixxu, sad-19 ta' Novembru 2008, l-operat ta' l-inġenji ta' l-ajru bil-marki tar-reġistrazzjoni UR-UCA, UR-UCC, UR-UCD, UR-UCH, UR-UCO, UR-UCQ UR-UCT, UR-UCU, UR-UCW u UR-UCX. It-trasportatur opera b'uħud minn dawn l-inġenji ta' l-ajru (bil-UR-UCA, il-UR-UCO u l-UR-UCU) lejn il-Komunità. Dawn l-awtoritajiet ikkonfermaw ukoll li huma kienu approvaw il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi tat-trasportatur u mpenjaw irwieħhom li jivverifikaw l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi mill-Ukraine Cargo Airways qabel ma jawtorizzaw lit-trasportatur biex jerġa' jibda l-operat tiegħu bl-inġenji ta' l-ajru AN-12 lejn il-Komunità.

(17) Il-Kummissjoni se tqis il-miżuri mittieħda mill-awtoritajiet kompetenti Ukraini f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-inġenji ta' l-ajru AN-12 u IL-76. Madanakollu, hija tqis li l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi tonqos milli tindirizza n-natura sistematika tan-nuqqasijiet innutati, li jaffettwaw lit-tipi kollha ta' inġenji ta' l-ajru użati s'issa mit-trasportatur għall-operat tiegħu lejn il-Komunità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet fuq l-art ([2]) fuq inġenji ta' l-ajru tat-tip AN-26 imwettqin wara t-taħditiet li saru mat-trasportatur u l-awtoritajiet tiegħu u wara li t-trasportatur kien beda jimplimenta l-azzjonijiet korrettivi taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet tiegħu juru li dawn it-tip ta' azzjonijiet ma jipprovdux għar-riżoluzzjoni xierqa tan-nuqqasijiet ivverifikati fil-qasam tas-sikurezza f'dawn it-tipi ta' inġenji ta' l-ajru jew f'kull tip ta' inġenju ta' l-ajru ieħor imħaddem minn dan it-trasportatur lejn il-Komunità.

([1]) Ir-rapporti tas-SAFA: ACG-2007-36; ACG-2007-43; ACG-2007-56; ACG-2007-150; ACG-2007-205; ACG-2008-42; DGCATR-2007-374; LBA/D-2008-95; LBA/D-2008-117; LBA/D-2008-121; CAO-2007-57; LBA/D-2007-292; MOTLUX-2008-2; CAALAT-2007-14; DGAC-E-2006-801; LBA/D-2007-29; LBA/D-2008-114; LBA/D-2008-120; CAA-NL-2007-137; ENAC-IT-2006-389; LBA/D-2006-684; RCAARO-2006-46; RCAARO-2007-118; ENAC-IT-2007-322; ENAC-IT-2007-432; RCAARO-2006-38; RCAARO-2007-58.

([2]) LBA/D-2008-117, LBA/D-2008-121, MOTLUX-2008-2, BUL-2008-3, LBA/D-2008-114, LBA/D-2008-120.

(18) Fl-1 ta' April 2008, it-trasportatur ressaq dokumentazzjoni li tinkludi pjan rivedut ta' azzjonijiet korrettivi li jirrifletti t-tibdiliet mitlubin mill-awtoritajiet kompetenti Ukraini wara spezzjoni tal-kumpanija. It-trasportatur ta' l-ajru ngħata wkoll l-opportunità li, fit-2 ta' April, jagħmel preżentazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru; madanakollu, huwa ma kienx kapaċi juri kemm l-azzjonijiet riveduti proposti huma xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mad-dixxiplina fl-operat, u naqas li jispjega kif dawn l-azzjonijiet se jipprovdu għal soluzzjonijiet sostenibbli tan-nuqqasijiet kollha fil-qasam tas-sikurezza li kienu identifikati qabel. Għaldaqstant, din id-dokumentazzjoni se jkollha tiġi analizzata iktar sabiex jiġi deċiż jekk in-nuqqasijiet kollha fil-qasam tas-sikurezza li kienu identifikati qabel ġewx indirizzati b'mod xieraq jew le.

(19) Hija u tistenna li titlesta din l-analiżi, u minħabba n-nuqqas ta' azzjonijiet korrettivi li jistgħu jirranġaw ir-rikorrenza tan-nuqqasijiet sistematiċi fil-qasam tas-sikurezza mingħajr dewmien, il-Kummissjoni tqis li t-trasportatur m'għandux jitħalla jopera lejn il-Komunità sakemm ma jkunx ivverifikat li ttieħdu l-miżuri adegwati sabiex tiġi żgurata l-konformità ta' l-operat ta' kull inġenju ta' l-ajru użat mill-Ukraine Cargo Airways ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

(20) Abbażi tal-kriterji komuni mniżżlin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, huwa meqjus li l-Ukraine Cargo Airways ma tilħaqx l-istandards rilevanti tas-sikurezza. It-trasportatur bl-ajru għandu jkun suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat kollu tiegħu, u għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

**Is-sorveljanza globali tas-sikurezza**

(21) Il-Kummissjoni tqis li l-eżerċizzju globali tas-sorveljanza tas-sikurezza u b'mod partikulari l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' l-istandards rilevanti tas-sikurezza mill-awtoritajiet kompetenti Ukraini għandu jissaħħaħ sabiex ikunu żgurati azzjonijiet korrettivi sostenibbli mit-trasportaturi li jaqgħu fi ħdan il-kontroll regolatorju tagħhom. In-numru dejjem jiżdied ta' trasportaturi li huma suġġetti għal miżuri eċċezzjonali mill-Istati Membri u li sussegwentement ikunu nklużi fl-Anness A jeħtieġ li jiġi ndirizzat b'mod urġenti mill-awtoritajiet kompetenti Ukraini. Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet huma mistiedna jressqu pjan ta' miżuri sabiex itejbu l-eżerċizzju tas-sorveljanza tas-sikurezza ta' l-operaturi li jaqgħu fi ħdan il-kontroll regolatorju tagħhom u ta' l-inġenji ta' l-ajru rreġistrati fl-Ukraina li jintużaw għal ħidmiet fil-Komunità. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, inklużi dawk imsemmija fil-premessi 15 u 18, bil-għan li tressaq abbozz ta' miżuri xierqa waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru.

*Cubana de Aviación SA*

(22) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-Cubana de Aviación ma' standards speċifiċi tas-sikurezza stabbiliti bil-Konvenzjoni ta' Chicago. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mir-Renju Unit, waqt spezzjonijiet fuq l-art imwettqin bħala parti mill-Programm SAFA ([1]).

(23) Ir-Renju Unit għarraf lill-Kummissjoni li adotta projbizzjoni immedjata fuq l-operat ta' l-inġenji ta' l-ajru tal-Cubana de Aviación tat-tip Ilyushin IL-62 bil-marki tar-reġistrazzjoni CU-T1283 u CU-T1284, waqt li kkunsidra l-kriterji komuni, fil-qafas ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Attwalment dawn l-inġenji ta' l-ajru mhumiex mgħammra bis-sistema ta' l-EGPWS – is-sistema tat-twissija għall-viċinanza ta' l-art (*Enhanced Ground Proximity Warning System*), tagħmir meħtieġ għall-operat lejn il-Komunità f'konformità ma' l-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

(24) Wara taħditiet mal-Kummissjoni u ma' xi Stati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Kuba adottaw deċiżjoni li jillimitaw l-AOC ta' Cubana de Aviacion sabiex jeskludu l-inġenji ta' l-ajru tat-tip IL-62 minn kull operat tat-trasportatur lejn il-Komunità sakemm tiġi stallata s-sistema ta' l-EGPWS fuqhom. Dawn l-awtoritajiet impenjaw irwieħhom ukoll biex jiżguraw li s-sistema ta' l-EGPWS tkun stallata fuq kull inġenju ta' l-ajru ta' dak it-trasportatur li jkun qed jopera lejn il-Komunità sal-15 ta' Ġunju 2008. Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Kuba mpenjaw irwieħhom li jivverifikaw li n-nuqqasijiet kollha tas-sikurezza nnutati, inkluża l-istallazzjoni tas-sistema ta' l-EGPWS, ikunu indirizzati b'mod effiċjenti mill-kumpanija Cubana de Aviacion sa dik id-data, u li jgħaddu r-riżultati ta' din it-tip ta' verifika lill-Kummissjoni qabel ma dan it-trasportatur ikun jista' jerġa' jibda jopera lejn il-Komunità b'inġenji ta' l-ajru tat-tip IL-62.

(25) Abbażi tal-kriterji komuni mniżżlin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u fil-kuntest ta' l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Kuba huwa meqjus li m'hemm bżonn tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru. Madanakollu, jekk il-miżuri ma jitqiesux sodisfaċenti, il-Kummissjoni se tressaq abbozz ta' miżuri xierqa lill-Kumitat.

*Islands Development Company*

(26) Hemm evidenza vverifikata li l-inġenju ta' l-ajru tat-tip Beech 1900 bil-marka tar-reġistrazzjoni S7-IDC tat-trasportatur Islands Development Company illiċenzjat fis-Seychelles mhuwiex mgħammar bis-sistema ta' l-EGPWS – *Enhanced Group Proximity Warning System* (is-sistema tat-twissija għall-viċinanza ta' l-art), tagħmir meħtieġ għall-operat lejn il-Komunità f'konformità ma' l-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Barra minn hekk, ma setgħux jintwerew id-dokumenti ċċertifikati li l-Konvenzjoni ta' Chicago tippreskrivi li għandhom jinżammu abbord. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza, waqt spezzjoni fuq l-art imwettqa bħala parti mill-Programm SAFA ([2]).

([1]) CAA-UK-2008-8.
([2]) DGAC/F-2008-152.

(27) Franza għarrfet lill-Kummissjoni li adottat projbizzjoni immedjata fuq l-operat ta' l-inġenju ta' l-ajru imsemmi hawn fuq ta' dan it-trasportatur, filwaqt li qieset il-kriterji komuni, fil-qafas ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u ressqet talba lill-Kummissjoni sabiex din taġġorna l-lista Komunitarja bi qbil ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u kif preskritt mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(28) L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili tas-Seychelles ikkonfermat, permezz ta' ittra tal-11 ta' Marzu 2008, li t-trasportatur Island Development Company, illiċenzjat fis-Seychelles, ħa miżuri sabiex jinstalla s-sistema ta' l-EGPWS fuq l-inġenju ta' l-ajru tiegħu tat-tip Beech 1900D bil-marka tar-reġistrazzjoni S7-IDC. Is-sistema ta' l-EGPWS ġiet ordnata u nstallata fis-26 ta' Marzu 2008. Konferma ċċertifikata ta' din l-installazzjoni ngħatat mit-trasportatur waqt laqgħa li saret nhar il-31 ta' Marzu 2008 mal-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tas-Seychelles ikkonfermaw li l-kopji ċċertifikati tad-dokumenti preskritti tpoġġew abbord mis-27 ta' Frar 2008 'il quddiem.

(29) Abbażi tal-kriterji komuni, qiegħed jitqies li l-kumpanija Islands Development Company ħadet il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tkun konformi ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u għaldaqstant m'għandhiex tiddaħħal fl-Anness A.

*Hewa Bora Airways*

(30) Il-kumpanija Hewa Bora Airways m'għadhiex topera, taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti Belġjani, l-inġenju ta' l-ajru tagħha tat-tip Boeing B767-266ER, Nru. ta' kos. 23 178, u bil-marka tar-reġistrazzjoni 9Q-CJD, li huwa nkluż fl-Anness B, lejn il-Komunità. Minħabba li r-reġim provviżorju ta' spezzjonijiet fuq l-art u ta' sorveljanza ta' dan l-inġenju ta' l-ajru ma jistax ikun iggarantit iktar, għandu jkun ipprojbit ukoll l-operat b'dan l-inġenju ta' l-ajru.

(31) Minħabba dan, it-trasportatur ta' l-ajru għandu jkun suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat kollu tiegħu, u għandu jiġi ttrasferit mill-Anness B għall-Anness A.

*TAAG Angola Airlines*

(32) Wara l-istedina min-naħa ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola u mit-trasportatur TAAG Angola Airlines, tim ta' esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri wettaq missjoni esploratorja fl-Angola mit-18 sat-22 ta' Frar 2008. Waqt din il-missjoni t-trasportatur ipprovda stat aġġornat tal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi u preventivi tiegħu, immirat sabiex jerġa' jiġi f'konformità ma' l-istandards ta' l-ICAO. Ir-rapport tat-tim wera li t-TAAG Angola Airlines wettaq progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjonijiet tiegħu, hekk li, b'mod globali, iktar minn ħamsin fil-mija ta' l-azzjonijiet jistgħu jitqiesu li twettqu. B'mod partikulari, fil-maġġoranza tagħhom, twieġbu s-sejbiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-operat waqt it-titjira u ma' l-operat ta' ma' l-art. It-trasportatur ġie mistieden ikompli l-isforzi tiegħu sabiex iwettaq bis-sħiħ il-pjan ta' azzjoni tiegħu. Barra minn hekk, it-tim innota li t-trasportatur lesta l-ewwel pass lejn iċ-ċertifikazzjoni sħiħa mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola.

(33) It-tim innota nuqqasijiet kontinwi sinifikanti fl-oqsma tal-kapaċità kontinwa ta' l-użu ta' l-inġenji ta' l-ajru għat-titjir u tal-manutenzjoni, li kienu rrappurtati lit-trasportatur TAAG Angola Airlines u lill-awtoritajiet tiegħu u li għandhom jiġu indirizzati b'mod xieraq qabel ma jsir xi tibdil fil-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq it-trasportatur.

(34) It-tim evalwa wkoll il-pjan ta' azzjonijiet korrettivi propost mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola (l-INAVIC) immirat biex itejjeb l-eżerċizzju tas-sorveljanza tas-sikurezza tat-TAAG Angola Airlines u tat-trasportaturi kollha li jaqgħu taħt il-kontroll regolatorju tagħhom. Għal dak il-għan, it-tim evalwa l-livell ta' konformità ta' l-INAVIC ma' l-istandards applikabbli ta' l-ICAO, abbażi wkoll tar-riżultati ta' l-ispezzjoni ta' l-USOAP ta' l-ICAO imwettqa f'Novembru 2007. Ir-rapport tat-tim juri li fis-16 ta' Jannar 2008 ġie ppubblikat att ġdid dwar l-avjazzjoni ċivili, u li l-INAVIC mexjin lejn it-twaqqif ta' awtorità ta' l-avjazzjoni ċivili indipendenti u strutturata tajjeb. Madanakollu, it-tim innota li d-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' l-att dwar l-avjazzjoni ċivili u r-regolamenti speċifiċi ta' l-operat li għandhom x'jaqsmu magħhom għadhom ma ġewx implimentati u li attwalment it-trasportaturi kollha ta' l-Angola għandhom Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru li mhumiex konformi ma' l-Anness 6 tal-Konvenzjoni ta' Chicago. L-INAVIC ġew mistednin ikomplu bir-ristrutturar ta' l-organizzazzjoni tagħhom, bil-mixja 'l quddiem, mill-aktar fis possibbli, fil-bini tal-kapaċità tagħhom, kif ukoll bit-tkomplija b'mod determinat tal-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi sabiex juru l-konformità tagħhom mar-regolamenti ta' l-Angola u ma' l-istandards applikabbli ta' l-ICAO, u jirrappurtaw ir-riżultati lill-Kummissjoni fiż-żmien dovut.

(35) Il-Kummissjoni tagħraf l-isforzi li saru mit-TAAG Angola Airlines u mill-INAVIC sabiex jitwettqu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tinżamm il-konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li deċiżjoni biex tneħħi t-TAAG Angola Airlines mil-lista Komunitarja hija prematura f'dan l-istadju, għax għad baqa' nuqqasijiet sinifikanti fil-qasam tas-sikurezza li għad iridu jiġu indirizzati mit-trasportatur kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, għadu għaddej il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti tat-TAAG Angola Airlines kif ukoll tat-trasportaturi l-oħrajn. Il-Kummissjoni tinnota li se jkun hemm bżonn ta' żieda sostanzjali fir-riżorsi umani u finanzjarji ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola, sabiex il-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid ikun jista' jitlesta fil-perjodu taż-żmien imsemmi minnhom.

(36) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-konformità ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Angola ma' l-istandards mandatorji ta' l-ICAO u mal-prattiki rakkomandati minnha u b'mod partikulari l-eżerċizzju tas-sorveljanza tiddependi wkoll mill-mezzi finanzjarji li dawn l-awtoritajiet ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni se tistenna r-rapporti dwar il-progress mit-TAAG Angola Airlines u mill-INAVIC fiż-żmien dovut.

*Mahan Air*

(37) Fl-14 ta' Diċembru 2007 u fit-12 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni u xi Stati Membri kellhom taħditiet mal-Mahan Air u ma' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran fir-rigward tal-verifika min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni progressiva ta' l-azzjonijiet korrettivi min-naħa tat-trasportatur. Waqt it-taħditiet li saru fl-14 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni talbet b'mod partikulari li kull dokumentazzjoni rigward il-progress fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi min-naħa tal-Mahan Air titressaq lill-Kummissjoni sa tmiem Frar 2008.

(38) Waqt it-taħditiet li saru fit-12 ta' Marzu 2008, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran qalu li huma wettqu spezzjonijiet fuq it-trasportatur Mahan Air u li n-nuqqasijiet kollha fil-qasam tas-sikurezza ġew solvuti b'mod li jissodisfahom. Madanakollu, la t-trasportatur u lanqas l-awtoritajiet tiegħu ma ressqu dokumentazzjoni li tipprovdi evidenza li l-miżuri korrettivi ġew implimentati sabiex juru kemm dawn l-azzjonijiet huma xierqa sabiex jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli u sabiex jiżguraw konformità effettiva mal-pjan ta' azzjonijiet korrettivi mressaq f'Settembru u f'Novembru 2007.

(39) Fis-26 ta' Marzu 2008, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran, wara spezzjoni tal-kumpanija Mahan Air, ressqu dokumentazzjoni lill-Kummissjoni rigward rapport iddettaljat dwar il-progress u materjal li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi min-naħa tal-Mahan Air. Il-Kummissjoni beħsiebha tanalizza d-dokumentazzjoni mressqa sabiex tivverifika jekk in-nuqqasijiet fil-qasam tas-sikurezza li kienu identifikati qabel ġewx indirizzati b'mod xieraq jew le.

(40) Sakemm titlesta din l-analiżi, il-Kummissjoni tqis li attwalment għad m'hemmx biżżejjed evidenza li turi li t-trasportatur wettaq bis-sħiħ l-azzjonijiet korrettivi sabiex ineħħi n-nuqqasijiet li wasslu għall-inklużjoni tiegħu fil-lista Komunitarja.

(41) Abbażi tal-kriterji komuni, qiegħed jitqies li bħalissa għadu ma ġiex ivverifikat li l-kumpanija Mahan Air ħadet il-miżuri kollha meħtieġa sabiex tkun konformi ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għaldaqstant, għadha ma tistax titneħħa mill-Anness A. Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera ma' l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi min-naħa tal-Mahan Airlines u tiżgura li dawn jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli għal żmien fit-tul. Għal dak il-għan, hija beħsiebha twettaq żjara fix-xhur li ġejjin.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa**

(42) Kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1400/2007, permezz ta' deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa meħuda fis-26 ta' Novembru 2007, ċerti trasportaturi bl-ajru lliċenzjati minn dawn l-awtoritajiet huma awtorizzati joperaw lejn il-Komunità b'tagħmir speċifiku biss. It-trasportaturi bl-ajru u l-inġenji ta' l-ajru kkonċernati huma: Krasnoyarsk Airlines: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Boeing B737 (EI-DNH/DNS/DNT/CBQ/CLŻ/CLW), B-757 (EI-DUA/DUD/DUC/DUE), B-767 (EI-DMP/DMH), Tupolev Tu-214 (RA-65508), u Tu-154M (RA-85720); Ural Airlines: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Airbus A-320 (VP-BQY/BQZ), Tu-154M (RA-85807/85814/85833/85844); Gazpromavia: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Falcon-900 (RA-09000/09001/09006/09008); Atlant-Soyuz: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Boeing B-737 (VP-BBL/BBM), u Tu-154M (RA-85709/85740); UTAir: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip ATR-42 (VP-BCB/BCF/BPJ/BPK), Gulfstream IV (RA-10201/10202), u Tu-154M (RA-85805/85808); Kavminvodyavia: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-204 (RA-64022/64016), u Tu-154M (RA-85715/85826/85746); Kuban Airlines: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Yak-42 (RA-42386/42367/42375); Air Company Yakutia: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-154M (RA-85700/85794) u B-757-200 (VP-BFI); Airlines 400: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-204 (RA-64018/64020). Barra minn hekk, skond dik id-deċiżjoni, ċerti trasportaturi bl-ajru ma jitħallewx joperaw lejn il-Komunità b'inġenji ta' l-ajru speċifiċi; it-trasportaturi bl-ajru u l-inġenji ta' l-ajru kkonċernati huma: Orenburg Airlines: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-154 (RA-85768) u B-737-400 (VP-BGQ); Air Company Tatarstan: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-154 (RA 85101 u RA-85109); Air Company Sibir: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip B-737-400 (VP-BTA); u Rossija: l-inġenji ta' l-ajru tat-tip Tu-154 (RA-85753 u RA-85835).

(43) Fis-26 ta' Marzu 2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa għarrfu lill-Kummissjoni li beħsiebhom ibiddlu d-deċiżjoni tagħhom tas-26 ta' Novembru 2007 fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-operat imposti fuq ċerti trasportaturi lliċenzjati fil-Federazzjoni Russa sabiex, b'effett mill-25 ta' April 2008, jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-operat imposti qabel fuq it-trasportaturi kollha kkonċernati.

(44) Fis-27 ta' Marzu, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa ġew mistiedna mill-Kummissjoni jressqu lilha u lill-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru l-evidenza ta' tagħrif li ta' min joqgħod fuqu dwar it-titjib fis-sistema interna ta' sorveljanza tat-trasportaturi kkonċernati rigward is-sikurezza tat-titjiriet tagħhom li qed twassalhom biex jaħsbu għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-operat imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati. Dawn impenjaw irwieħhom li jressqu dan it-tagħrif sa mhux aktar tard mid-9 ta' April 2008, u li, flimkien ma' kull trasportatur bl-ajru kkonċernat, li jagħmlu preżentazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri rigward is-sitwazzjoni tas-sikurezza ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru qabel id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tagħhom. Fit-2 ta' April 2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa mpenjaw irwieħhom, quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru, illi, jekk dan it-tagħrif jitressaq lill-Kummissjoni wara, huma jipposponu d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li beħsiebhom jieħdu, bi qbil mal-Kummissjoni.

(45) Il-Kummissjoni se tqis id-deċiżjoni li beħsiebhom jieħdu l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa u beħsiebha tanalizza l-materjal li dawn l-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jressqu fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjonijiet korrettivi li kienu tressqu lill-Kummissjoni qabel mit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati. Il-Kummissjoni beħsiebha tikkoordina r-riżultati ta' l-analiżi tagħha ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa qabel id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li beħsiebha tittiehed imsemmija hawn fuq.

(46) Sadanittant, id-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa tas-26 ta' Novembru 2007 għandhom jibqgħu fis-seħħ; b'hekk, l-operat lejn il-Komunità tat-trasportaturi msemmijin hawn fuq għandu jseħħ biss skond it-termini u l-kundizzjonijiet ipprovduti f'dik id-deċiżjoni u msemmijin fil-premessi 34 sa 36 tar-Regolament (KE) Nru 1400/2007.

(47) Il-Kummissjoni beħsiebha tissorvelja l-ħidma tat-trasportaturi msemmijin hawn fuq, u tanalizza s-sitwazzjoni tagħhom tas-sikurezza fil-kuntest tar-riżultati tal-proċess imsemmi hawn fuq, bil-għan li tadotta, fejn ikun meħtieġ, mizuri xierqa sabiex tiżgura li l-istandards kollha rilevanti jkunu ggarantiti fil-Komunità, filwaqt li tqis id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Kirgiża**

(48) L-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża pprovdew lill-Kummissjoni b'evidenza ta' l-irtirar taċ-Ċertifikati ta' Operatur ta' l-Ajru tal-Galaxy Air għal raġunijiet ta' sikurezza. Billi dan it-trasportatur, iċċertifikat fir-Repubblika Kirgiża, konsegwentement waqqaf l-attivitajiet tiegħu, għandu jitneħħa mill-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Ginea Ekwatorjali**

(49) Il-Kummissjoni rċeviet tagħrif li t-trasportatur Ceiba Intercontinental qed jopera servizzi kummerċjali taħt AOC maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea Ekwatorjali u talbet lil dawn l-awtoritajiet jgħaddulha t-tagħrif rilevanti kollu dwar din il-kumpanija. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ginea Ekwatorjali ma weġbux għattalba tal-Kummissjoni.

(50) Abbażi tal-kriterji komuni mniżżlin fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, it-trasportatur Ceiba Intercontinental għandu jkun suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, u għaldaqstant għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

(51) It-trasportatur bl-ajru Cronos Airlines, illiċenzjat fil-Ginea Ekwatorjali, ressaq dokumentazzjoni li fiha talab lill-Kummissjoni li jkun eskluż mill-Anness A, filwaqt li qal li l-inġenji ta' l-ajru li jopera huma mikrijin flimkien ma' l-ekwipaġġ (*wet leased*) fuq bażi ta' l-"ACMI" (l-inġenji ta' l-ajru, l-ekwipaġġ, il-manutenzjoni, l-assigurazzjoni) mingħand trasportatur illiċenzjat fir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel.

(52) Il-Kummissjoni tqis li d-dokumentazzjoni mressqa mill-Cronos Airlines ma tiġġustifkax it-tneħħija mill-Anness A. Madanakollu, it-trasportaturi bl-ajru kollha li huma inklużi fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji ta' l-ajru mikrijin flimkien ma' l-ekwipaġġ mingħand trasportaturi bl-ajru li mhumiex suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk ikun hemm konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

**It-trasportaturi bl-ajru mis-Sważiland**

(53) L-awtoritajiet kompetenti tas-Sważiland talbu li t-trasportaturi Royal Swazi Airways Corporation u Scan Air Charter jiġu esklużi mill-Anness A għaliex dawn m'għadx għandhom aktar inġenji ta' l-ajru u għaldaqstant m'hu qed joperaw l-ebda servizz. Barra minn hekk, huma talbu li t-trasportatur Swaziland Airlink jitneħħa mill-Anness A għaliex dan jopera servizzi b'inġenji ta' l-ajru ċċertifikati u miżmuma u b'ekwipaġġ illiċenzjat fir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel. L-awtoritajiet kompetenti tas-Sważiland jivvalidaw iċ-ċertifikati, l-approvazzjonijiet u l-liċenzji kkonċernati.

(54) Fir-rigward tar-Royal Swazi Airways Corporation u ta' l-iScan Air Charter, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-irtirar mill-Anness A mhux iġġustifikat, għaliex m'hemm l-ebda evidenza li dawn it-trasportaturi m'għadhomx jeżistu. Fir-rigward tat-trasportatur Swaziland Airlink, il-Kummissjoni tqis li l-irtirar mill-Anness A mhux iġġustifikat. Madanakollu, it-trasportaturi bl-ajru kollha li huma inklużi fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji ta' l-ajru mikrijin flimkien ma' l-ekwipaġġ mingħand trasportaturi bl-ajru li mhumiex suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk ikun hemm konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

**Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika ta' l-Indoneżja**

(55) Fil-25 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni rċeviet pjan ġdid ta' azzjonijiet imħejji mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Indoneżja li mehmuż miegħu ma kellux id-dokumentazzjoni ta' appoġġ li tagħti xhieda ta' l-implimentazzjoni tiegħu, u li juri li, qabel Settembru 2008, mhix prevista t-tlestija ta' għadd ta' passi importanti. Dan it-tagħrif ma jurix li f'dan l-istadju l-awtoritajiet nazzjonali għandhom il-ħila jiżguraw is-sorveljanza tat-trasportaturi kollha li jiċċertifikaw, inkluż tal-kumpanija Garuda.

(56) Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi għajnuna teknika lill-Indoneżja u tappoġġa bil-kbir l-isforzi tagħha sabiex jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat li s-sikurezza tkun iggarantita.

(57) Madanakollu, dal-ħin, il-Kummissjoni tqis li dawn l-awtoritajiet ma wrewx li lestew l-azzjonijiet korrettivi proposti sabiex jiżguraw li jkun hemm konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li, għaldaqstant, l-ebda wieħed mit-trasportaturi Indoneżjani ma jista' jitneħħa mil-lista Komunitarja f'dan l-istadju sakemm kemm dan it-trasportatur kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu jistgħu juru li huma konformi ma' l-istandards ta' l-ICAO.

*Garuda Indonesia Airline*

(58) Fl-10 u t-18 ta' Marzu 2008, it-trasportatur Garuda Indonesia Airline ressaq lill-Kummissjoni dokumentazzjoni estensiva, li tinkludi t-tweġibiet tal-kumpanija għall-osservazzjonijiet li għamel it-tim ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri waqt il-missjoni tiegħu mwettqa mill-5 sad-9 ta' Novembru 2007. Din id-dokumentazzjoni ġiet analizzata bir-reqqa mill-Kummissjoni, li talbet li jitressaq tagħrif kumplimentari sabiex titlesta l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-sikurezza tal-kumpanija Garuda. It-trasportatur impenja ruħu li jressaq dan it-tagħrif mingħajr dewmien.

(59) Fit-28 ta' Marzu 2008, it-trasportatur għamel ukoll talba formali sabiex, fil-laqgħa li kien imiss, jippreżenta l-kummenti tiegħu bil-fomm lill-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru, u, sussegwentement, dan instema' fit-3 ta' April 2008.

(60) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qiesu li t-trasportatur mexa 'l quddiem fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet korrettivi sabiex jagħmel tajjeb għall-osservazzjonijiet imressqa mit-tim fir-rapport dwar il-missjoni tiegħu. Madanakollu, huma qiesu wkoll li, sabiex ikun hemm konformità ma' l-istandards ta' l-ICAO, l-azzjonijiet korrettivi jeħtieġ li jitkomplew u jitlestew f'għadd ta' oqsma, fost l-oħrajn fit-tagħmir tal-flotta kollha tal-Boeing 737 bis-sistema ta' l-EGPWS – is-sistema tat-twissija għall-viċinanza ta' l-art (*Enhanced Ground Proximity Warning System*), fl-implimentazzjoni tas-sorveljanza tad-data dwar it-tijiriet għall-flotta kollha tat-trasportatur, kif ukoll fit-titjib meħtieġ tas-sistemi interni ta' kontroll tiegħu.

(61) Fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet imressqin fil-premessi 55 sa 60, il-Kummissjoni tqis li t-trasportatur bl-ajru Garuda Indonesia Airline għadu ma jistax jitneħħa mill-Anness A.

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-trasportaturi l-oħrajn inklużi fl-Annessi A u B**

(62) L-ebda evidenza ma ġiet ikkomunikata s'issa lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-azzjonijiet xierqa ta' rimedju mit-trasportaturi l-oħrajn inklużi fil-lista Komunitarja, aġġornata fit-28 ta' Novembru 2007, u mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru, minkejja li l-Kummissjoni ressqet talbiet speċifiċi għal dan. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, qiegħed jitqies li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom ikomplu jkunu suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (Anness A) jew għal restrizzjonijiet fuq l-operat (Anness B), skond xi jkun il-każ.

(63) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza ta' l-Ajru.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness A huwa mibdul bl-Anness A ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness B huwa mibdul bl-Anness B ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jacques BARROT
*Viċi President*

*ANNESS A*

**IL-LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET KOLLHA TAGĦHOM HUMA SUĠĠETTI GĦAL PROJBIZZJONI FI ĦDAN IL-KOMUNITÀ** ([1])

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| AIR KORYO | Mhux magħruf | KOR | Ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (id-DPRK) |
| AIR WEST CO. LTD | 004/A | AWZ | Is-Sudan |
| ARIANA AFGHAN AIRLINES | 009 | AFG | L-Afganistan |
| MAHAN AIR | FS 105 | IRM | Ir-Repubblika Iżlamika ta' l-Iran |
| SILVERBACK CARGO FREIGHTERS | Mhux magħruf | VRB | Ir-Rwanda |
| TAAG ANGOLA AIRLINES | 001 | DTA | L-Angola |
| UKRAINE CARGO AIRWAYS | 145 | UKS | L-Ukraina |
| UKRAINIAN MEDITERRANEAN AIRLINES | 164 | UKM | L-Ukraina |
| VOLARE AVIATION ENTREPRISE | 143 | VRE | L-Ukraina |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | | — | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AFRICA ONE | 409/CAB/MIN/TC/0114/2006 | CFR | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AFRICAN AIR SERVICES COMMUTER SPRL | 409/CAB/MIN/TC/0005/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIGLE AVIATION | 409/CAB/MIN/TC/0042/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR BENI | 409/CAB/MIN/TC/0019/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR BOYOMA | 409/CAB/MIN/TC/0049/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR INFINI | 409/CAB/MIN/TC/006/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR KASAI | 409/CAB/MIN/TC/0118/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR NAVETTE | 409/CAB/MIN/TC/015/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| AIR TROPIQUES S.P.R.L. | 409/CAB/MIN/TC/0107/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| BEL GLOB AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0073/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| BLUE AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0109/2006 | BUL | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| BRAVO AIR CONGO | 409/CAB/MIN/TC/0090/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |

([1]) It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness A jista' jingħatalhom il-permess li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji ta' l-ajru mikrijin flimkien ma' l-ekwipaġġ mingħand trasportatur bl-ajru li mhuwiex suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza.

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| BUSINESS AVIATION S.P.R.L. | 409/CAB/MIN/TC/0117/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| BUTEMBO AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0056/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| CARGO BULL AVIATION | 409/CAB/MIN/TC/0106/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| CETRACA AVIATION SERVICE | 409/CAB/MIN/TC/037/2005 | CER | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| CHC STELLAVIA | 409/CAB/MIN/TC/0050/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| COMAIR | 409/CAB/MIN/TC/0057/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA) | 409/CAB/MIN/TC/0111/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| DOREN AIR CONGO | 409/CAB/MIN/TC/0054/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| EL SAM AIRLIFT | 409/CAB/MIN/TC/0002/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| ESPACE AVIATION SERVICE | 409/CAB/MIN/TC/0003/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| FILAIR | 409/CAB/MIN/TC/0008/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| FREE AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0047/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| GALAXY INCORPORATION | 409/CAB/MIN/TC/0078/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| GOMA EXPRESS | 409/CAB/MIN/TC/0051/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| GOMAIR | 409/CAB/MIN/TC/0023/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| GREAT LAKE BUSINESS COMPANY | 409/CAB/MIN/TC/0048/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| HEWA BORA AIRWAYS (HBA) | 409/CAB/MIN/TC/0108/2006 | ALX | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| I.T.A.B. — INTERNATIONAL TRANS AIR BUSINESS | 409/CAB/MIN/TC/0022/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| KATANGA AIRWAYS | 409/CAB/MIN/TC/0088/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| KIVU AIR | 409/CAB/MIN/TC/0044/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| LIGNES AÉRIENNES CONGOLAISES | Firma ministerjali (ordinanza 78/205) | LCG | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| MALU AVIATION | 409/CAB/MIN/TC/0113/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| MALILA AIRLIFT | 409/CAB/MIN/TC/0112/2006 | MLC | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| MANGO AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0007/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| PIVA AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0001/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| RWAKABIKA BUSHI EXPRESS | 409/CAB/MIN/TC/0052/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| SAFARI LOGISTICS SPRL | 409/CAB/MIN/TC/0076/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| SAFE AIR COMPANY | 409/CAB/MIN/TC/0004/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| SERVICES AIR | 409/CAB/MIN/TC/0115/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| SUN AIR SERVICES | 409/CAB/MIN/TC/0077/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| TEMBO AIR SERVICES | 409/CAB/MIN/TC/0089/2006 | Mhux magħruf | Democratic Republic of Congo (RDC) |
| THOM'S AIRWAYS | 409/CAB/MIN/TC/0009/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| TMK AIR COMMUTER | 409/CAB/MIN/TC/020/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| TRACEP CONGO | 409/CAB/MIN/TC/0055/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| TRANS AIR CARGO SERVICE | 409/CAB/MIN/TC/0110/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| TRANSPORTS AERIENS CONGOLAIS (TRACO) | 409/CAB/MIN/TC/0105/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| VIRUNGA AIR CHARTER | 409/CAB/MIN/TC/018/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| WIMBI DIRA AIRWAYS | 409/CAB/MIN/TC/0116/2006 | WDA | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| ZAABU INTERNATIONAL | 409/CAB/MIN/TC/0046/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (l-RDC) |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | | | Il-Ginea Ekwatorjali |
| CRONOS AIRLINES | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Il-Ginea Ekwatorjali |
| CEIBA INTERCONTINENTAL | Mhux magħruf | CEL | Il-Ginea Ekwatorjali |
| EUROGUINEANA DE AVIACION Y TRANSPORTES | 2006/001/MTTCT/DGAC/SOPS | EUG | Il-Ginea Ekwatorjali |
| GENERAL WORK AVIACION | 002/ANAC | m/a | Il-Ginea Ekwatorjali |
| GETRA — GUINEA ECUATORIAL DE TRANSPORTES AEREOS | 739 | GET | Il-Ginea Ekwatorjali |
| GUINEA AIRWAYS | 738 | m/a | Il-Ginea Ekwatorjali |
| UTAGE — UNION DE TRANSPORT AEREO DE GUINEA ECUATORIAL | 737 | UTG | Il-Ginea Ekwatorjali |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' l-Indoneżja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | | | L-Indoneżja |
| ADAM SKY CONNECTION AIRLINES | 121-036 | DHI | L-Indoneżja |
| AIR PACIFIC UTAMA | 135-020 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| AIRFAST INDONESIA | 135-002 | AFE | L-Indoneżja |
| ASCO NUSA AIR TRANSPORT | 135-022 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| ASI PUDJIASTUTI | 135-028 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| AVIASTAR MANDIRI | 135-029 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| BALAI KALIBRASI FASITAS PENERBANGAN | 135-031 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| CARDIG AIR | 121-013 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| DABI AIR NUSANTARA | 135-030 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| DERAYA AIR TAXI | 135-013 | DRY | L-Indoneżja |
| DERAZONA AIR SERVICE | 135-010 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| DIRGANTARA AIR SERVICE | 135-014 | DIR | L-Indoneżja |
| EASTINDO | 135-038 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| EKSPRES TRANSPORTASI ANTAR BENUA | 121-019 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| EKSPRES TRANSPORTASI ANTAR BENUA | 135-032 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| GARUDA INDONESIA | 121-001 | GIA | L-Indoneżja |
| GATARI AIR SERVICE | 135-018 | GHS | L-Indoneżja |
| INDONESIA AIR ASIA | 121-009 | AWQ | L-Indoneżja |
| INDONESIA AIR TRANSPORT | 135-017 | IDA | L-Indoneżja |
| INTAN ANGKASA AIR SERVICE | 135-019 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| KARTIKA AIRLINES | 121-003 | KAE | L-Indoneżja |
| KURA-KURA AVIATION | 135-016 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| LION MENTARI ARILINES | 121-010 | LNI | L-Indoneżja |
| MANDALA AIRLINES | 121-005 | MDL | L-Indoneżja |
| MANUNGGAL AIR SERVICE | 121-020 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| MEGANTARA AIRLINES | 121-025 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| MERPATI NUSANTARA | 121-002 | MNA | L-Indoneżja |
| METRO BATAVIA | 121-007 | BTV | L-Indoneżja |
| NATIONAL UTILITY HELICOPTER | 135-011 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| PELITA AIR SERVICE | 121-008 | PAS | L-Indoneżja |
| PELITA AIR SERVICE | 135-001 | PAS | L-Indoneżja |
| PENERBANGAN ANGKASA SEMESTA | 135-026 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| PURA WISATA BARUNA | 135-025 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| REPUBLIC EXPRES AIRLINES | 121-040 | RPH | L-Indoneżja |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| RIAU AIRLINES | 121-016 | RIU | L-Indoneżja |
| SAMPURNA AIR NUSANTARA | 135-036 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| SMAC | 135-015 | SMC | L-Indoneżja |
| SRIWIJAYA AIR | 121-035 | SJY | L-Indoneżja |
| TRANS WISATA PRIMA AVIATION | 121-017 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| TRANSWISATA PRIMA AVIATION | 135-021 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| TRAVEL EXPRES AIRLINES | 121-038 | XAR | L-Indoneżja |
| TRAVIRA UTAMA | 135-009 | Mhux magħruf | L-Indoneżja |
| TRI MG INTRA AIRLINES | 121-018 | TMG | L-Indoneżja |
| TRI MG INTRA AIRLINES | 135-037 | TMG | L-Indoneżja |
| TRIGANA AIR SERVICE | 121-006 | TGN | L-Indoneżja |
| TRIGANA AIR SERVICE | 135-005 | TGN | L-Indoneżja |
| WING ABADI NUSANTARA | 121-012 | WON | L-Indoneżja |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | | — | Ir-Repubblika Kirgiża |
| AIR CENTRAL ASIA | 34 | AAT | Ir-Repubblika Kirgiża |
| AIR MANAS | 17 | MBB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| ASIA ALPHA AIRWAYS | 32 | SAL | Ir-Repubblika Kirgiża |
| AVIA TRAFFIC COMPANY | 23 | AVJ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| BISTAIR-FEZ BISHKEK | 08 | BSC | Ir-Repubblika Kirgiża |
| BOTIR AVIA | 10 | BTR | Ir-Repubblika Kirgiża |
| CLICK AIRWAYS | 11 | CGK | Ir-Repubblika Kirgiża |
| DAMES | 20 | DAM | Ir-Repubblika Kirgiża |
| EASTOK AVIA | 15 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Kirgiża |
| ESEN AIR | 2 | ESD | Ir-Repubblika Kirgiża |
| GOLDEN RULE AIRLINES | 22 | GRS | Ir-Repubblika Kirgiża |
| INTAL AVIA | 27 | INL | Ir-Repubblika Kirgiża |
| ITEK AIR | 04 | IKA | Ir-Repubblika Kirgiża |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) jew tal-Liċenzja ta' l-Operat | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO ghal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur |
|---|---|---|---|
| KYRGYZ TRANS AVIA | 31 | KTC | Ir-Repubblika Kirgiża |
| KYRGYZSTAN | 03 | LYN | Ir-Repubblika Kirgiża |
| KYRGYZSTAN AIRLINES | 01 | KGA | Ir-Repubblika Kirgiża |
| MAX AVIA | 33 | MAI | Ir-Repubblika Kirgiża |
| OHS AVIA | 09 | OSH | Ir-Repubblika Kirgiża |
| S GROUP AVIATION | 6 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Kirgiża |
| SKY GATE INTERNATIONAL AVIATION | 14 | SGD | Ir-Repubblika Kirgiża |
| SKY WAY AIR | 21 | SAB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| TENIR AIRLINES | 26 | TEB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| TRAST AERO | 05 | TSJ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja** | | — | Il-Liberja |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sjerra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | — | — | Is-Sjerra Leone |
| AIR RUM, LTD | Mhux magħruf | RUM | Is-Sjerra Leone |
| BELLVIEW AIRLINES (S/L) LTD | Mhux magħruf | BVU | Is-Sjerra Leone |
| DESTINY AIR SERVICES, LTD | Mhux magħruf | DTY | Is-Sjerra Leone |
| HEAVYLIFT CARGO | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sjerra Leone |
| ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD | Mhux magħruf | ORJ | Is-Sjerra Leone |
| PARAMOUNT AIRLINES, LTD | Mhux magħruf | PRR | Is-Sjerra Leone |
| SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD | Mhux magħruf | SVT | Is-Sjerra Leone |
| TEEBAH AIRWAYS | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sjerra Leone |
| **It-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sważiland responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi,** | — | — | Is-Sważiland |
| AERO AFRICA (PTY) LTD | Mhux magħruf | RFC | Is-Sważiland |
| JET AFRICA SWAZILAND | Mhux magħruf | OSW | Is-Sważiland |
| ROYAL SWAZI NATIONAL AIRWAYS CORPORATION | Mhux magħruf | RSN | Is-Sważiland |
| SCAN AIR CHARTER, LTD | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sważiland |
| SWAZI EXPRESS AIRWAYS | Mhux magħruf | SWX | Is-Sważiland |
| SWAZILAND AIRLINK | Mhux magħruf | SZL | Is-Sważiland |

*ANNESS B*

## IL-LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET KOLLHA TAGĦHOM HUMA SUĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET FI ĦDAN IL-KOMUNITÀ (1)

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif muri fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali, jekk ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru (l-AOC) | In-numru ta' l-identifikazzjoni ta' l-ICAO għal-linja ta' l-ajru | L-istat ta' l-operatur | It-tip ta' inġenji ta' l-ajru | Il-marka/i tar-reġistrazzjoni u, fejn disponibbli, in-numru/i serjali tal-kostruzzjoni | L-istat tar-reġistrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AIR BANGLADESH | 17 | BGD | Il-Bangladexx | B747-269B | S2-ADT | Il-Bangladexx |
| AIR SERVICE COMORES | 06-819/TA-15/ DGACM | KMD | Il-Komoros | Il-flotta kollha ħlief għad-: LET 410 UVP | Il-flotta kollha ħlief għad-: D6-CAM (851336) | Il-Komoros |

(1) It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness B jista' jingħatalhom il-permess li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji ta' l-ajru mikrijin flimkien ma' l-ekwipaġġ mingħand trasportatur bl-ajru li mhuwiex suġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità ma' l-istandards rilevanti tas-sikurezza.